MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Talba Numru. 241/2007

**Maurizio Abela I.D. 428686(M)**

**Vs**

**Sean Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** pprezentat fid-9 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-konvenut ghandu jhallas l-import ta' elf u tliet mitt Lira Maltija (Lm1300) dovuti lill-attur bhala hlas ghall-bejgh u trasferiment tal-karozza Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni EAJ-367.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fit-30 ta' Marzu 2007 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa illi ma ghandu jaghti xejn lill-attur; l-ammont pretiz mhuwiex dovut billi fl-ewwel lok il-prezz miftiehem kien erba` mitt Lira (Lm400) u mhux kif allega l-attur; u fit-tieni lok l-

eccipjent hallas il-prezz shih kontanti tant li l-kontendenti marru flimkien ghand l-*insurance* u ghamlu t-*transfer* regolarment. L-eccipjent hallas il-prezz shih. L-attur huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Sean Bugeja** li waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007 xehed illi l-attur thajjar jixtri l-karozza tieghu Honda Civic, izda kien mar il-bank biex jissellef xi flus pero` kien qallu li ma kienx irnexxielu. Kien hemmhekk illi qallu li hu ried ibiegh il-Fiat tieghu biex ikun jista` jixtri l-karozza tal-konvenut. Ftehmu illi l-Fiat tal-attur jixtriha l-konvenut ghal Lm400 ghalkemm l-attur kien talbu tnax jew tlettax-il mija, u l-Honda Civic tal-konvenut jixtriha l-attur ghal Lm3800. Ix-xhud jghid illi huwa tah l-Lm400 cash qabel ma sar it-trasferiment ghal fuqu ghand l-Insurance. Kienu ftehmu li jmorru ghand Nutar sabiex jaghmlu karta fis-sens illi l-Honda jzommha l-konvenut sakemm l-attur ikollu l-flus biex jixtriha. Wara tlett xhur kien cempillu u qallu li l-Honda ma setax jehodha minhabba ragunijiet personali u li ried il-Fiat Uno lura. Wara xi zmien ircieva karta bl-avukat minghand l-attur li fiha talbu Lm1300.

In kontro-ezami, **Sean Bugeja** (26 ta' Marzu 2008) xehed illi in kwantu l-Fiat Uno kienu ftehmu illi jekk ipartat ic-Civic mal-Uno kien jaqtalu elf lira li vvaluta hu fuq l-Uno, pero` gara li ma setghux ipartu peress li hu ried xi flus mill-bank u ddecieda li flok ipartat jixtri l-Fiat Uno minn ghandu. Suggerit lilu li fl-ewwel xhieda tieghu ma semmiex l-option ta' l-Lm1000 jghid illi semmiha. Suggerit lilu li meta sar il-bejgh tal-Fiat Uno kien hemm missier ix-xhud jghid li din kienet l-ewwel darba meta l-attur ried jiccekkja jekk setax jinxurja ruhu fuq il-vettura imma ma kinitx l-okkazjoni meta sar il-bejgh u t-trasferiment tal-Fiat Uno. Jghid li cert mija fil-mija illi meta sar it-transfer kien biss mal-attur. Suggerit lilu illi sar it-transfer minghajr ma ghamel il-pagament jghid li dan mhux minnu u jichad li sar xi diskors li l-pagament tal-prezz tal-Fiat Uno kien ser isir b'zewg pagamenti. Jghid li d-diskors dwar in-Nutar sar qabel ikkonkludew kollox ghand l-insurance. Suggerit lilu li bidel in-numru tal-mobile tieghu l-ghada li marru ghand l-insurance jghid illi

ma jistax ikun peress illi wara xi tlett xhur kien ircieva messagg minghand l-attur.

Sema` x-xhieda tal-attur **Maurizio Abela** li waqt is-seduta tal-4 ta' Gunju 2008 xehed illi huwa kellu karozza Fiat Uno li kienet ilha ghandu xi xahrejn u kien talbu biex ibieghielu. Huwa kien xtraha madwar elf u erba` mitt liri Maltin (Lm1400) u hu kien tah elf u tliet mitt Liri Maltin. Jghid li huwa kien ha self mill-bank biex xtraha. Peress illi l-konvenut kellu karozza ohra tal-marka Honda Civic kienu ftehmu illi x-xhud jiehu l-Honda Civic u jaqtghu elf u tliet mitt lura minn fuqha billi jtih il-Fiat Uno. Peress illi kienet ser taghlaq il-licenzja tal-Fiat Uno ftehmu illi jaghmlu transfer fuq ismu. Jghid li kienu ftehmu li dan in-negozju jsir dejjem jekk il-bank jaghtih is-self biex ikun jista` jkompli jhallas il-Honda Civic. Jghid li kienu ftehmu li l-Honda Civic ibieghilu bil-prezz ta' tliet elef u erba` mitt liri Maltin li minnhom kellhom inaqqsu l-valur tal-Fiat Uno li kien ser jghaddilu. Wara li kien ghamel it-transfer fuq il-konvenut, il-bank kien gharrfu li ma kienx ser isellfu biex ikompli l-Honda. Kien ghalhekk li kellem lill-konvenut biex jerga` jittrasferilu l-Fiat Uno ghax hu ma thallax taghha peress illi kellu jinqata` l-valur taghha mill-prezz tal-Honda. Jghid li kien fdah ghax kienu hbieb. L-ewwel kien qallu li l-Uno kienet tieghu u li ma kellux cans jerga` jaraha. Imbaghad kien qallu li meta jbiegh il-Honda lil haddiehor kien ser itih il-Fiat lura. Wara li kien ipprova jaqbdu u ma qabdux, kien iltaqa` ma' kugin tieghu illi kien tah in-numru tat-tfajla tal-konvenut. Il-linja tal-konvenut giet *disconnected*. Imbaghad qabad lit-tfajla u kien kellem lill-konvenut u kienu ftehmu li jiltaqghu izda l-konvenut ma tfaccax. Minn dak-in-nhar ma qabdux aktar u kien kellem avukat. Jghid illi l-loan originali li kellu fuq il-Fiat Uno huwa ghadu jhallsu u sal-lum il-Fiat Uno ghadha ghand il-konvenut u hu ghadu ma thallasx.

Sema` x-xhieda ta' **Manrico Abelo** (3 ta' Lulju 2008) ighid illi huwa hu l-attur. Huwa jaf li huh kien xtara l-vettura Fiat Uno minghand il-konvenut u kien qallu li xtraha ghall-prezz ta' elf u erba` mitt liri Maltin. Jaf li ghandu loan mall-Bank fuq l-istess vettura. Hu jghid li ghalkemm ma kienx involut fit-trasferiment kien ipprova jaqbad lill-konvenut

biex jara kif se jirrangaw izda ma setghax jaqbdu fuq il-mobile u damu madwar disa` xhur, sena sakemm regghu sabu n-numru ta’ Sean Bugeja. Jghid li safejn jaf hu huh ghadu ma thallasx tal-Fiat Uno.
In kontro-ezami, **Manrico Abela** xehed illi mhux minnu illi kien qal f’seduta ohra illi huwa kien habib ta’ Sean Bugeja. Jsostni li huh l-attur kien biegh il-Fiat Uno lill-konvenut – u dan jafu ghax qalulu huh l-attur.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi hawnekk it-Tribunal ghandu quddiemu zewg verzjonijiet – l-ewwel wahda dik ta’ l-attur Maurizio Abela illi qed jippretendi s-somma ta’ €3028.19 (gja Lm1300) prezz ta’ Fiat Uno li ighid illi biegh u ttrasferixxa lill-konvenut. Minn naha l-ohra l-verzjoni tal-konvenut li ighid illi l-prezz mieftiehem fuq il-vettura Fiat Uno kien ta’ €931.75 (gja Lm400) u dak il-prezz jinsab mhallas tant illi anke sar it-trasferiment tal-vettura.
A skans ta’ repetizzjoni tal-versjonijiet tal-partijiet fid-dettal, it-Tribunal sejjer biss jara ghaliex ghandu jemmen versjoni minn ohra.

Qabel xejn jinghad illi t-Tribunal, wara illi ra l-provi kollha prodotti u sema` x-xhiedha hu, u wara illi evalwa x-xhiedha u l-provi kollha migjuba l-quddiem, ihoss illi l-verzjoni tal-konvenut hija aktar verosimili u kredibbli.

Dan qed jinghad peress illi minkejja illi l-attur ittanta jikkorrobora il-verzjoni tieghu bix-xhiedha ta’ huh Manrico Abela – il-piz illi x-xhiedha ta’ l-imsemmi Maurizio Abela tista` tinghata hija limitata hafna in kwantu illi kif qal hu stess – “*dwar in-negozju in kwistjoni, jiena naf biss dak li qalli hija, mill-bqija ma naf xejn*”.

Di piu`, l-attur kien messu almenu ressaq il-prova tal-loan li ighid li ha mal-Bank sabiex xtara il-vettura Fiat Uno xahar qabel ma bieghha lill-konvenut. Dan sabiex juri lit-

Tribunal illi huwa tassew minnu illi l-prezz tal-vettura illi xtraha hu kien ta’ €3261.12 (Lm1400). Dan ma ghamlux u ghalhekk it-Tribunal isib illi vettura tat-tip Fiat Uno huwa aktar verosimili illi tinbiegh fis-sena 2006 bil-prezz ta’ €931.75 milli dak ta’ €3028.19. U f’dan is-sens huwa aktar kredibbli l-konvenut li ighid illi offra €931.75 (Lm400) ghal Fiat Uno.

Aktar minn hekk imbaghad, irid jinghad illi sar anke addirittura it-trasferiment tal-vettura – u ma jirrizultax lanqas illi saret xi restrizzjoni da parti tal-attur fuq il-bejgh mal-ADT sabiex il-konvenut ma jkunx jista` jerga` jitrasferixxi l-vettura sakemm jkun hallas l-ammont shih tal-prezz tal-vettura - kif inhi komunament il-prattika f’dawn is-sitazzjonijiet. L-iskuza illi jgib l-attur illi kienet ser taghlaq il-licenzja u fittxew ghamlu t-trasferiment ma jissodisfax lit-Tribunal.

Kieku veru illi kien fadal bilanc jew addirittura il-prezz x’jithallas u l-attur ghogbu jaghmel it-trasferiment – kieku kien messu l-attur ha l-icken prekawzjoni u jekk xejn jaghmel skrittura sabiex jipprotegi il-pozizzjoni tieghu.

Jinghad ukoll illi f’ebda mument ma’ l-attur fix-xhiedha tieghu, jichad jew jikkontradixxi d-dikjarazzjoni preciza li ghamel il-konvenut meta qal – “*jiena l-Lm400 tajthomlu qabel ma tlajna ghand l-insurance. Tajthomlu cash u fil-fatt wara illi hallastu sar it-trasferiment tal-vettura fuqi*”.

Ghat-Tribunal, il-kwistjonijiet tal-bank loan li ried l-attur u tal-vettura Honda Civic huma kollha superfluwi peress illi huwa evidenti illi l-attur kellu problema ta’ prova f’din il-kawza li xejjnet il-kredibilita` ta l-istorja u l-verzjoni tieghu.

Ghaldaqatant u ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, u wara li t-Tribunal ra u ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------